CCT/122/21/S

Andrei Scerri

vs

Joston Company Ltd (C6648)

Illum 16 ta' Ottubru, 2024

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Andrei Scerri ppreżentata fit-23 ta' Lulju, 2021 u kif ukoll ir-risposta tas-soċjetà Joston Company Ltd. ippreżentata fit-23 ta' Settembru, 2021;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet, u kif ukoll it-trattazzjoni tagħhom magħmula waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2023;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment fuq allegatament *fuel* ikkontaminat meta r-rikorrenti ħa l-*fuel* mingħand Yellow Service Station ġewwa l-Furjana nhar l-20 ta' Novembru 2020;

Illi fir-risposta tagħha, s-soċjetà intimata sostniet illi ma kien ġie ppreżentat ebda rapport illi juri li l-ilma illi allegatament kien hemm fil-*fuel*, kien kawża mill-*fuel* meħud mingħandhom;

Illi r-rikorrenti qabbad *surveyor* li ħa kampjun mill-*fuel* tal-karozza tar-rikorrenti u li fl-eżami li sar fuq l-istess *fuel* ġie kkonfermat li dan kien ikkontaminat bl-ilma;

Min-naħa l-oħra s-soċjetà intimata ikkontendiet illi bejn Settembru u Ottubru tas-sena 2020, il-*fuel station* tal-istess socjetà sarilha titjib taħt is-superviżjoni tar-regolatur REWS u li skond l-istess soċjetà, l-*fuel station* ġiet konformi għall-istandards tal-Unjoni Ewropea, li jinkludi t-twaħħil ta' *sensors* li jattiva mall-ewwel *alarm* jekk ikun hemm ilma li jilħaq xi pompa tal-petrol;

Skond l-istess soċjetà intimate, ebda *alarm* ma ġie attivat fil-ġuranata tal-20 ta' Novembru 2020;

Illi argument ieħor li ressqet is-soċjetà intimata kienet illi r-rikorrenti kien l-uniku wieħed li għamel ilment simili minħabba illi fil-jum in kwistjoni ħafna nies ħadu *fuel* u ħadd minnhom ma għamel ilment simili għal dak tar-rikorrenti;

Illi l-istess rikorrenti ppreżenta *email* mibgħuta minn Adrian Pace f'isem Enemed, fejn jgħid illi l-Enemed ma kellha ebda ilmenti oħra mill-*fuel station* in kwistjoni u hu normalment meta jkun hemm problema bl-ilma ġewwa *petrol station*, ikun hemm diversi ilmenti . Din l-*email* tas-sur Adrian Pace datata 2 ta' Frar 2021, tgħid ukoll illi l-*petrol stations* għandhom *sensors* għall-ilma biex jieqfu l-operazzjonijiet jekk jiġi *detected* ilma ġewwa l-*fuel*;

Illi l-investigazzjoni ta' Enemed saret iktar minn xahar wara l-allegat inċident minħabba illi dan l-ilment daħal tard daparti tar-rikorrenti;

Illi dan it-trapass ta' żmien huwa problema biex jinħoloq in-ness bejn l-allegazzjoni fid-data in kwistjoni u r-responsabbilta' daparti tas-soċjetà intimata;

Illi għalkemm ir-rikorrenti spjega r-raġunijiet tiegħu għalfejn dam biex jagħmel l-ilment, dan mhuwiex ġustifikat minħabba li tali ilment seta' mall-ewwel jidħol anke għand l-MCCAA, jekk ma setax jagħmel kuntatt mas-soċjetà intimata;

Illi dan id-dewmien ta' iktar minn xahar biex sar ir-rapport, joħloq problema anke ta' prova għal dan it-Tribunal għax b'hekk ebda test ma seta' jsir f'dak il-jum jew l-għada biex jiġi stabbilit minn fejn daħal l-ilma ġewwa l-*fuel*, u partikolarment l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-ilma imħallat fil-*fuel* seħħ meta huwa ħa l-*fuel* mingħand is-soċjetà intimata;

Illi dan it-Tribunal ma jistax jibbaża r-raġunament tiegħu fuq assunzjonijiet iżda biss fuq il-provi imressqa quddiemu;

Illi għalhekk jiġi ikkonfermat illi min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima *incumbit probation et qui dicat non ei qui negat;*

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ, it-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba ta' Andrei Scerri filwaqt illi jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata Joston Company Ltd.

Kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru